



## Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI  
BOT

ippreżentati fid-9 ta' Diċembru 2014<sup>1</sup>

**Kawżi magħquda C-226/13, C-245/13, C-247/13 u C-578/13**

**Stefan Fahrenbrock (C-226/13),  
Holger Priestoph et (C-245/13),  
Rudolf Reznicek (C-247/13),  
Hans-Jürgen Kickler et (C-578/13)**

vs

Ir-Repubblika Ellenika

[talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Wiesbaden u mil-Landgericht Kiel]

“Regolament (KE) Nru 1393/2007 — Notifika ta’ atti — Kunċett ta’ ‘kwistjonijiet [materji] ċivili u kummerċjali’ — Kawżi għall-eżekuzzjoni kuntrattwali u għad-danni introdotti kontra l-Istat Grieg minn detenturi ta’ bonds Griegi wara t-tnaqqis, mingħajr il-kunsens tagħhom, tal-valur ta’ dawn il-bonds”

1. It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2007, tat-13 ta’ Novembru 2007, dwar is-servizz fl-Istati Membri ta’ dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (servizz ta’ dokumenti) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000<sup>2</sup>.

2. Ippreżentati fil-kuntest ta’ kawżi kontra l-Istat Grieg, fil-Kawża C-226/13, S. Fahrenbrock, fil-Kawża C-245/13, il-konjuġi Priestoph, fil-Kawża C-247/13, R. Reznicek u, fil-Kawża C-578/13, H. Kickler u Wöhlk kif ukoll iż-Zahnärztekammer Schleswig-Holstein, Versorgungswerk, bħala kawżi għad-danni kif ukoll għall-eżekuzzjoni kuntrattwali, dawn it-talbiet joffru l-okkażjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddefinixxi l-kunċett ta’ “kwistjonijiet [materji] ċivili u kummerċjali” fil-kuntest tar-Regolament Nru 1393/2007, li hija tistabbilixxi l-kamp ta’ applikazzjoni materjali tiegħu.

3. F’dawn il-konklużjonijiet, jiena ser nissottometti li l-kunċett ta’ “kwistjonijiet [materji] ċivili u kummerċjali”, fis-sens tal-Artikolu 1(1) tar-Regolament Nru 1393/2007<sup>3</sup>, għandu jkun interpretat fis-sens li ma jinkludix kawża li permezz tagħha detentur individwali ta’ bonds maħruġa minn Stat Membru jipproċedi b’rikors għad-danni kontra dan l-Istat minħabba l-iskambju ta’ dawn il-bonds b’oħrajn ta’ valur inqas, liema skambju kien impost fuq din il-persuna wara l-adozzjoni, mil-leġislatur nazzjonali, ta’ liġi li kienet unilaterament u retroattivament bidlet il-kundizzjonijiet applikabbli għall-bonds billi inkludiet klawżola ta’ azzjoni kollettiva li tippermetti lil maġġoranza tad-detenturi ta’ dawn tal-aħħar jimponu tali skambju fuq il-minorità.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — ĠU L 324, p. 79.

3 — Minkejja li fil-verżjoni Franċiża, it-titolu ta’ dan ir-regolament juża l-kliem “kwistjonijiet ċivili *jew* kummerċjali”, l-imsemmija dispożizzjoni tuża l-kliem “kwistjonijiet ċivili *u* kummerċjali” (korsiv miżjud minni). Din id-differenza fil-konġunzjoni li tgħaqqad, fl-opinjoni tiegħi, ma taffettwax is-sens u l-portata ta’ din l-espressjoni.

4. Jiena ser insostni, f'dan is-sens, li l-użu, minn Stat Membru li joħroġ bonds, tas-setgħa sovrana tiegħu permezz ta' intervent leġiżlattiv li għandu speċifikament l-għan li jikkawża preġudizzju dirett għall-valur tal-bonds maħruġa billi jimponi fuq id-detenturi minoritarji ta' titoli l-obbligu li jissottomettu ruħhom għall-volontà tal-maġġoranza huwa eżerċizzju ta' setgħat li jmorru lil hinn mir-regoli applikabbli fir-relazzjonijiet bejn individwi.

5. Minn dan ser niddeduċi li l-kawża eżerċitata mid-detenturi minoritarji kontra l-Istat Membru wara l-iskambju ta' titoli neċessarjament tikkontesta r-responsabbiltà tal-Istat għal att imwettaq fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika, anki meta dan l-iskambju, intenzjonat sabiex inaqqas il-valur nominali ta' dawn it-titoli, allegatament kellu vot tal-maġġoranza.

## I – Il-kuntest ġuridiku

### A – *Id-dritt tal-Unjoni*

6. Il-premessi 2, 6 u 9 tar-Regolament Nru 1393/2007 jipprovdu:

“(2) Il-funzjonament xieraq tas-suq intern jimplika l-ħtieġa ta' titjib u tħaffif fit-trasmissjoni tad-dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali għas-servizz [għan-notifika] bejn l-Istati Membri.

[...]

(6) L-effiċjenza u l-ħeffa fi proċeduri ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jeħtieġu li d-dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji jiġu trasmessi b'mod dirett u mħaffef bejn il-korpi lokali maħtura mill-Istati Membri [...]

[...]

(9) Is-servizz ta' dokument [In-notifika ta' att] għandu jitwettaq malajr kemm jista' jkun, u fi kwalunkwe każ fi żmien xahar minn meta jkun wasal id-dokument għand l-aġenzija li tirċievi.”

7. L-Artikolu 1(1) ta' dan ir-regolament jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu kif ġej:

“Dan ir-Regolament għandu japplika fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali fejn dokument ġudizzjarju jew extra-ġudizzjarju jrid ikun trasmess minn Stat Membru għal ieħor għal servizz [notifika] hemmhekk. Dan m'għandux jinkludi, b'mod partikolari, kwistjonijiet fiskali, doganali jew amministrattivi jew ir-responsabbiltà ta' l-Istat għal atti jew ommissjonijiet fl-eżerċizzju ta' l-awtorità ta' l-Istat (*acta iure imperii*).”

8. L-Artikolu 3 tal-istess regolament jipprovdi li:

“Kull Stat Membru għandu jaħtar korp ċentrali li jkun responsabbli għal:

- a) il-forniment ta' informazzjoni lill-aġenziji li jibagħtu;
- b) it-tiftix ta' soluzzjonijiet għal kwalunkwe diffikultà li tista' tinqala' waqt it-trasmissjoni tad-dokumenti li jridu jkunu nnotifikati;
- c) it-trasmissjoni, f'każijiet eċċezzjonali, fuq talba ta' l-aġenzija li tibgħat, ta' rikjesta għal servizz [talba għal notifika] lill-aġenzija kompetenti li tirċievi.

[...]

9. Skont l-Artikolu 6(3) tal-imsemmi regolament:

“Jekk it-talba għas-servizz [għan-notifika] tkun għal kollox 'il barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jew jekk in-nuqqas ta' konformità mal-kondizzjonijiet formali mitluba jagħmel is-servizz [in-notifika] impossibbli, it-talba u d-dokumenti mibgħuta għandhom jintbagħtu lura malli jkunu waslu lill-aġenzija li tibgħat, flimkien ma' avviż ta' restituzzjoni permezz tal-formola standard li tinsab fl-Anness I.”

10. L-avviż ta' restituzzjoni li l-formula standard tiegħu tinsab fl-Anness I tar-Regolament Nru 1393/2007 jipprovdi, fil-punt 9.1, bħala raġuni li għaliha att qed jiġi rritornat il-fatt li “it-talba għas-servizz tkun għal kollox 'il barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament”, b'mod partikolari minħabba l-fatt li “l-att la huwa ta' natura ċivili u lanqas kummerċjali”<sup>4</sup>.

## B – *Id-dritt Grieg*

11. Il-Liġi Nru 4050/2012, tat-23 ta' Frar 2012, intitolata “Regoli dwar il-modifika tat-titoli, maħruġa jew iggarantiti mill-Istat Grieg bi ftehim mad-detenturi ta' bonds”<sup>5</sup>, tistabbilixxi l-modalitajiet tar-ristrutturazzjoni tal-bonds ta' dan l-Istat. Din il-liġi tipprovdi, essenzjalment, is-sottomissjoni ta' offerta ta' ristrutturazzjoni lid-detenturi ta' ċerti bonds maħruġa jew iggarantiti mill-imsemmi Stat u l-introduzzjoni ta' klawżola ta' ristrutturazzjoni li tippermetti li jiġu imposti fuq id-detenturi kollha ta' bonds il-kundizzjonijiet tar-ristrutturazzjoni proposti fl-offerta la darba dawn ikunu ġew aċċettati minn maġġoranza kkwalifikata.

12. Skont l-Artikolu 1(4) tal-Liġi Nru 4050/2012, il-modifika tat-titoli kkonċernati titlob l-osservanza ta' kworum ugwali għal nofs it-total tal-ammont tal-investiment tal-bonds ikkonċernati u l-ftehim ma' maġġoranza kkwalifikata li tirrappreżenta tal-inqas iż-żewġ terzi tal-kapital.

13. L-Artikolu 1(9) tal-Liġi Nru 4050/2012 jipprovdi li d-deċiżjoni adottata fi tmiem din il-proċedura tiġi applikata *erga omnes*, hija vinkolanti għall-kredituri tal-bonds kollha kkonċernati u tħassar kull liġi ġenerali jew speċifika, kull deċiżjoni amministrattiva u kull kuntratt li jmorru kontra tagħha. Skont din id-dispożizzjoni, f'każ ta' skambju tat-titoli eliġibbli, il-ħruġ ta' titoli ġodda jgħib miegħu l-annullament tat-titoli l-antiki.

## II – **Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari**

14. Fix-xahar ta' Frar 2012, skont il-Liġi Nru 4050/2012, l-Istat Grieg għamel lil F. Fahrenbrock, lill-konjuġi Priestoph, lil R. Reznicek, u lil H. Kickler u Wöhlk u lil Zahnärztekammer Schleswig-Holstein, Versorgungswerk, ilkoll detenturi ta' bonds maħruġa minn dan l-Istat, offerta ta' skambju tagħhom b'bonds ġodda ta' valur nominali mnaqqas b'mod sinjifikattiv.

15. Minkejja li r-rikorrenti fil-kawżi prinċipali ma aċċettawx din l-offerta, l-Istat Grieg madankollu xorta pproċeda bl-iskambju tat-titoli li huma kellhom inizjalment b'titoli ta' valur inqas sinjifikattivament mill-valur nominali tagħhom u li tagħhom sar l-iskambju.

4 — Punt 9.1.1 ta' dan l-anness.

5 — FEK A' 36/23.2. 2012, iktar 'il quddiem il-“Liġi Nru 4050/2012”.

16. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali għalhekk ippreżentaw kawżi sabiex jiksbu kemm ir-restituzzjoni tat-titoli inizjali abbażi tal-Artikoli 858, 861, 869<sup>6</sup> u 985<sup>7</sup> tal-Kodiċi Ċivili Ġermaniż (Bürgerliches Gesetzbuch)<sup>8</sup>, kif ukoll il-ħlas tad-danni abbażi tal-Artikoli 280(3) u 281 tal-BGB<sup>9</sup> u tal-Artikolu 826 tal-BGB<sup>10</sup>. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali fil-Kawża C-578/13 talbu wkoll l-eżekuzzjoni kuntrattwali tal-bonds oriġinali li kienu skadew.

17. Fil-kuntest tal-proċedura ta' notifika tal-atti promoturi tal-kawża lill-Istat Grieg, qamet il-kwistjoni dwar jekk it-talba tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali kellhiex bħala suġġett att jew ommissjoni tal-Istat, f'dan il-każ, l-Istat Grieg, imwettaq fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika fis-sens tal-Artikolu 1(1) tar-Regolament Nru 1393/2007.

18. B'mod partikolari, fil-Kawżi C-226/13, C-245/13 u C-247/13, il-Bundesamt für Justiz (uffiċċju federali tal-ġustizzja) wera dubji dwar il-possibbiltà li r-rikorsi jiġu kkunsidrati bħala materji ċivili u kummerċjali, fis-sens tal-imsemmi regolament, u ssuġġetta t-tkomplija tal-proċedura ta' notifika għall-kundizzjoni li l-Landgericht Wiesbaden (il-Ġermanja) jiddeċiedi preliminarjament dwar in-natura tal-kawża.

19. Fil-Kawża C-578/13, il-Landgericht Kiel (il-Ġermanja), filwaqt li ddeċieda li r-Regolament Nru 1393/2007 ma kienx applikabbli f'din il-kawża, ordna lill-Bundesministerium für Justiz (ministeru federali tal-ġustizzja) jinnotifika r-rikors permezz ta' mezzi diplomatiċi. Madankollu dan irrinvija t-talba ta' notifika mingħajr ma eżegwixxiha billi rrefera għad-domandi preliminari fil-Kawżi C-226/13, C-245/13 u C-247/13.

20. Iż-żewġ qrati tar-rinviju jistaqsu, għalhekk, jekk il-kwistjonijiet fil-kawża prinċipali jistgħux jiġu kkunsidrati bħala materji ċivili u kummerċjali, fis-sens tal-Artikolu 1(1) tar-Regolament Nru 1393/2007. Fid-deċiżjoni tar-rinviju tagħhom, huma jiddikjaraw li l-Qorti tal-Ġustizzja għadha ma rrispondietx id-domanda dwar jekk l-interpretazzjoni ta' dan il-kunċett tiddependix esklużivament fuq il-bażi legali tat-talbiet jew aħjar fuq dak li huwa "fil-qalba" tal-kwistjoni jew li huwa "l-essenza" tagħha. Filwaqt li josservaw li l-kawża jinvolve l-evalwazzjoni tal-effikaċja u tal-legalità tal-Liġi Nru 4050/2012, it-tnejn huma inklinati li jeskludu l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1393/2007 billi jikkunsidraw li l-kawża jikkontestaw, fis-sens tat-tieni sentenza tal-Artikolu 1(1) ta' dan ir-regolament, ir-responsabbiltà tal-Istat għal atti mwettqa fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika.

21. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Landgericht Wiesbaden, fil-Kawżi C-226/13, C-245/13 u C-247/13, iddeċieda li jissospendi l-proċeduri u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari segwenti, li hija magħmula f'termini identiċi fit-tliet kawżi:

"L-Artikolu 1 tar-Regolament [...] Nru 1393/2007 [...] għandu jiġi interpretat fis-sens li għandu jiġi kkunsidrat bħala 'materji ċivili [u] kummerċjali', fis-sens ta' dan ir-regolament, rikors li permezz tiegħu, f'sitwazzjoni fejn ir-rikorrent ma jkunx aċċetta proposta magħmula mill-konvenuta fi tmiem ix-xahar ta' Frar 2012 sabiex jibdel bonds maħruġa mill-konvenuta, mixtrija mir-rikorrent u miżmuma ma' depożitarju tat-titoli [mal-bank tiegħu], ir-rikorrent jitlob li jiġi kkumpensat id-differenza fil-valur li rriżultat wara l-iskambju ekonomikament żvantaġġuż li minkejja dan ġie impost fuq f'Marzu 2012?"

6 — Kawża ta' spoll eżerċitata minn detentur li ttehdidu l-pussess minħabba problema ta' fatt.

7 — Kawża għal restituzzjoni bbażata fuq id-dritt ta' proprjetà.

8 — Iktar 'il quddiem "BGB".

9 — Danni għal ksur tal-obbligu, minflok provvista mhux mogħtija.

10 — Kumpens ta' dannu kkawżat minn att illeċitu.

22. Il-Landgericht Kiel, fil-Kawża C-578/13, ukoll iddeċieda li jissospendi l-proċeduri u li jagħmel id-domandi li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

- “1) L-Artikolu 1 tar-Regolament [...] Nru 1393/2007 [...] għandu jiġi interpretat fis-sens li kawża, li fiha x-xerrej ta' titoli [bonds] tal-Gvern tal-konvenuta jressaq talba għal h̄las fil-forma ta' prestazzjoni u fil-forma ta' talba għal danni kontra l-konvenuta, għandha tiġi kkunsidrata bħala li tikkonċerna 'materja ċivili [u] kummerċjali' fis-sens tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 1(1) ta' [dan ir-]Regolament jekk ix-xerrej ma jkunx aċċetta l-offerta ta' skambju magħmula fl-aħħar ta' Frar 2012 mill-konvenuta, kif huwa possibbli permezz tal-Liġi [...] Nru 4050/2012 [...]?”
- 2) Meta titressaq kawża li tkun essenzjalment ibbażata fuq l-invalidità jew fuq in-nullità [tal-Liġi Nru 4050/2012], din il-kawża tkun tikkonċerna r-responsabbiltà tal-Istat għal atti jew ommissjonijiet fl-eżerċizzju tal-awtorità tal-Istat [pubblika] fis-sens tat-tieni sentenza tal-Artikolu 1(1) tar-[R]egolament [Nru 1393/2007]?”

23. Permezz ta' digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Ġunju 2013, il-Kawżi C-226/13, C-245/13 u C-247/13 ingħaqdu flimkien għall-finijiet tal-proċedura bil-miktub u orali, kif ukoll tas-sentenza. Permezz ta' digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Diċembru 2013, il-Kawża C-578/13 ukoll ingħaqdet ma' dawn il-kawżi għall-finijiet tal-proċedura orali u tas-sentenza.

### III – Il-kunsiderazzjonijiet tiegħi

#### A – Fuq l-ammissibbiltà tad-domandi preliminari

24. Il-Kummissjoni Ewropea tqajjem, prinċiparjament, l-inammissibbiltà tat-talbiet għal deċizzjoni preliminari fil-Kawżi C-226/13, C-245/13 u C-247/13 billi tinvoka d-deskrizzjoni insuffiċjenti tal-kuntest fattwali li jirrigwarda, b'mod partikolari, il-modalitajiet tal-offerta ta' skambju u ċ-ċirkustanzi li fihom sar dan l-iskambju. Filwaqt li turi li l-Bundesamt für Justiz, fil-kwalità tagħha ta' entità ċentrali, irrifjutat li tipproċedi bit-trażmissjoni tal-atti promoturi tal-kawża bis-saħħa tar-Regolament Nru 1393/2007 minħabba dubji li hija kellha dwar jekk it-talbiet setgħux jitqiesu bħala materja ċivili, hija ssostni, barra minn hekk, li d-domandi magħmula huma irrilevanti għad-deċizzjoni tal-kawżi prinċipali peress li ma hijiex il-Bundesamt für Justiz li għandha twaqqaf it-trażmissjoni tal-atti, filwaqt li żżid li, fin-nuqqas li jkun magħruf l-argument tal-konvenuta, il-qorti tar-rinviju ma għandhiex l-informazzjoni neċessarja sabiex tiddeċiedi dwar in-natura ċivili u kummerċjali tal-kawżi u, għalhekk, dwar il-kwistjoni ta' kompetenza.

25. Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-argument ibbażat fuq deċrizzjoni insuffiċjenti tal-kuntest fattwali, għandu jifakkur li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-ħtieġa li tingħata interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tkun utli għall-qorti nazzjonali titlob li din tiddefinixxi l-kuntest fattwali u leġislattiv li fih jaqgħu d-domandi li tistaqsi jew li, tal-inqas, tispjega ċ-ċirkustanzi fattwali li fuqhom huma bbażati dawn id-domandi<sup>11</sup>. Il-Qorti tal-Ġustizzja tvarja l-livell ta' preċiżjoni skont il-kumplessità tas-sitwazzjonijiet ta' fatt u ta' dritt li jikkarakterizzaw l-oqsma kkonċernati<sup>12</sup>.

26. L-informazzjoni pprovduta mill-qorti tar-rinviju trid, barra minn hekk, tagħti lill-Gvernijiet tal-Istati Membri u lill-partijiet l-oħra kkonċernati l-opportunità li jissottomettu osservazzjonijiet skont l-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea<sup>13</sup>.

11 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Woningstichting Sint Servatius (C-567/07, EU:C:2009:593, punt 50 u l-ġurisprudenza ċitata).

12 — *Ibidem* (punt 53).

13 — Ara, b'mod partikolari, id-digriet 3D I (C-107/14, EU:C:2014:2117, punt 9).



27. F'dan il-każ, id-deċizzjonijiet tar-rinviju fil-Kawżi C-226/13, C-245/13 u C-247/13 jagħtu lill-Qorti tal-Ġustizzja punti ta' fatt u ta' dritt suffiċjenti u jindikaw ir-raġunijiet li għalihom il-Landgericht Wiesbaden waslet sabiex tagħmel domanda preliminari, filwaqt li juru b'mod ċar ir-rabta li teżisti bejn id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li l-interpretazzjoni tagħhom qed tintalab u l-kawżi prinċipali. Minkejja li sfortunatament id-deskrizzjoni tal-modalitajiet li fihom seħħ l-iskambju tal-bonds maħruġa mill-Gvern Grieg hija effettivament qasira, din ma tellfitx lir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali, lill-Gvern Grieg u lill-Kummissjoni milli jieħdu pożizzjoni utli dwar id-domandi magħmula, kif jirriżulta mill-osservazzjonijiet tagħhom ippreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

28. F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, ir-rilevanza tad-domandi magħmula, għandu jiġi osservat, preliminarjament, li ma jidhirlx li huwa korrett li jiġi ddikjarat, kif tagħmel il-Kummissjoni, li l-Bundesamt für Justiz waqfiet it-trażmissjoni tal-atti fil-kwalità tagħha ta' entità ċentrali. Fil-fatt, mill-informazzjoni kkomunikata mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja lill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 1393/2007<sup>14</sup>, jirriżulta li dan l-Istat Membru ta' r-rwol ta' entità ċentrali lil xi awtoritajiet innominati mill-Gvern ta' kull Land. Għalhekk l-argument tal-Kummissjoni bbażat fuq il-fatt li entità ċentrali, fis-sens tal-Artikolu 3 ta' dan ir-regolament, ma tistax topponi t-trażmissjoni tal-atti, ma jidhirlx li huwa fondat.

29. Għall-kuntrarju, bħall-Kummissjoni, jiena għandi xi dubji dwar il-possibbiltà li twaqqaf, mill-bidu nett, il-proċess ta' notifika ta' atti fl-esteru minħabba inċertezzi dwar il-kamp ta' applikazzjoni materjali tar-Regolament Nru 1393/2007. F'dan ir-rigward, jiena nistaqsi, b'mod iktar speċifiku, dwar l-ammissibbiltà tat-talbiet għal deċizzjoni preliminari fir-rigward tar-reqwizit ta' kawża pendenti quddiem qorti nazzjonali, li tiddeċiedi skont l-eżerċizzju tal-funzjonijiet ġudizzjarji tagħha.

30. Minn ġurisprudenza stabbilita, mibdija bis-sentenza Job Centre<sup>15</sup>, jirriżulta fil-fatt, li l-qrati nazzjonali jistgħu jressqu talba għal deċizzjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja biss jekk ikun hemm kawża pendenti quddiemhom u jekk jintalbu sabiex jagħtu deċizzjoni fil-kuntest ta' proċedura intiża li twassal għal deċizzjoni ta' natura ġudizzjarja<sup>16</sup>.

31. B'hekk meta taġixxi bħala awtorità amministrattiva mingħajr fl-istess ħin ma tkun mitluba tiddeċiedi kawża, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-qorti tar-rinviju ma tistax titqies li qed teżerċita funzjoni ġudizzjarja. Dan huwa l-każ, b'mod partikolari, ta' qrati, fis-sens tad-dritt nazzjonali, li, mingħajr ma jintalbu li fl-istess ħin jiddeċiedu kwistjoni, huma inkarigati biż-żamma ta' reġistru, bħar-reġistru tal-kummerċ<sup>17</sup>, l-evalwazzjoni ta' talba għal reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Artijiet<sup>18</sup> jew mitluba jieħdu deċizzjoni amministrattiva dwar l-istat ċivili<sup>19</sup>.

32. Fir-rigward b'mod iktar partikolari ta' talbiet għal notifika ta' atti ġudizzjarji jew extra-ġudizzjarji, il-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tagħha Roda Golf & Beach Resort<sup>20</sup>, iddikjarat ruħha kompetenti sabiex tirrispondi domandi preliminari dwar il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1348/2000<sup>21</sup> billi bbażat ruħha fuq il-fatt li, differenti mir-reġistratur li ssirlu talba għal notifika ta'

14 — Informazzjoni disponibbli fuq is-sit internet tal-Kummissjoni, fl-Atlas ġudizzjarju Ewropew fil-qasam ċivili, fl-indirizz segwenti: [http://ec.europa.eu/justice\\_home/judicialatlascivil/html/ds\\_centralbody\\_de\\_fr.htm](http://ec.europa.eu/justice_home/judicialatlascivil/html/ds_centralbody_de_fr.htm).

15 — C-111/94, EU:C:1995:340.

16 — Ara s-sentenza Torresi (C-58/13 u C-59/13, EU:C:2014:2088, punt 19 u l-ġurisprudenza ċitata).

17 — Ara s-sentenza Cartesio (C-210/06, EU:C:2008:723, punt 57).

18 — Ara s-sentenza Salzmann (C-178/99, EU:C:2001:331, punti 15 sa 17).

19 — Ara s-sentenza Standesamt Stadt Niebüll (C-96/04, EU:C:2006:254, punti 14 sa 17).

20 — C-14/08, EU:C:2009:395.

21 — Regolament tal-Kunsill, tad-29 ta' Mejju 2000, dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 1, p. 227).

atti ġudizzjarji jew extra-ġudizzjarji skont ir-Regolament Nru 1348/2000, li jkun jaġixxi bħala awtorità amministrattiva mingħajr fl-istess ħin ma huwa mitlub jiddeċiedi fuq kawża, il-qorti mitluba tiddeċiedi fuq ir-rikors ippreżentat kontra r-rifjut ta' dan ir-reġistratur li jipproċedi għan-notifika mitluba kienet adita b'kawża u kellha funzjoni ġudizzjarja<sup>22</sup>.

33. It-traspożizzjoni tal-ġurisprudenza mibdija b'din is-sentenza għat-talbiet għal deċizzjoni preliminari mressqa fil-Kawżi C-226/13, C-245/13 u C-247/13 jistgħu jwasslu lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddikjara ruħha inkompetenti minħabba li l-qorti tar-rinviju, adita preċedentement bin-notifika tal-atti promoturi tal-kawża, teżerċita funzjonijiet purament amministrattivi mingħajr ma tkun, f'dan l-istadju, adita b'kawża bejn il-partijiet dwar il-modalitajiet tan-notifika.

34. Madankollu, fis-sentenza tagħha Weryński<sup>23</sup>, dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament (KE) tal-Kunsill Nru 1206/2001, tat-28 ta' Mejju 2001, dwar kooperazzjoni bejn il-qorti tal-Istati Membri fil-kompilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali<sup>24</sup>, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kunċett "li jagħtu s-sentenza", fis-sens tal-Artikolu 267(2) TFUE għandu jingħata interpretazzjoni wiesgħa, fis-sens li jinkludi "l-proċess kollu tal-għoti tas-sentenza"<sup>25</sup>, u kkunsidrat li talba għal deċizzjoni preliminari tista' titqies ammissibbli anki jekk tittratta kwistjoni oħra minn dik ta' bejn il-partijiet fil-kawża.

35. Barra minn hekk, mis-sentenza Corsica Ferries<sup>26</sup> jirriżulta li, it-talba mressqa lill-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex suġġetta għan-natura kontradittorja tal-proċeduri li matulhom il-qorti nazzjonali tifformula d-domandi preliminari<sup>27</sup>.

36. F'dan il-każ, id-domandi magħmula fil-Kawżi C-226/13, C-245/13 u C-247/13, li huma dwar il-forma li għandu jkollha n-notifika tal-atti promoturi tal-kawża lill-konvenut, jikkostitwixxu kwistjonijiet preliminari li d-deċizzjoni dwarhom hija meħtieġa għad-deċizzjoni tal-kawża prinċipali. Kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, b'ċerta kontradizzjoni mad-dikjarazzjoni li l-evalwazzjoni tal-kunċett ta' "kwistjonijiet [materji] ċivili u kummerċjali" fil-kuntest tar-Regolament Nru 1393/2007 ma tassumix il-kompetenza ġudizzjarja skont ir-Regolament (KE) Nru 44/2001<sup>28</sup>, il-qorti tar-rinviju ma hijiex mitluba tiddeċiedi dwar il-kompetenza tagħha fi stadju tal-proċedura fejn, pereżempju, il-konvenut ma għandux il-possibbiltà li jieħu pożizzjoni, iżda hija esklużivament mitluba tistabbilixi kif tipproċedi bin-notifika tat-talbiet lil din il-parti.

37. Minkejja li ma għandux ikun hemm inkorragiment għal dewmien amministrattiv ta' proċeduri ta' notifika ta' atti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji, jidhirli, madankollu, li huwa konformi mar-rekwiżiti ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja li tista' tingħata kemm jista' jkun malajr interpretazzjoni, *erga omnes*, li tippermetti li jkun magħruf bi preċiżjoni l-kamp ta' applikazzjoni materjali tar-Regolament Nru 1393/2007 u li konsegwentement jiġi stabbilit, b'liema forma tista' ssir in-notifika. Dan jgħodd iktar u iktar meta, bħal fil-kawża prinċipali, diversi talbiet simili jitressqu quddiem qorti differenti li jistgħu jadottaw soluzzjonijiet kontradittorji. Fir-realtà, il-possibbiltà li ssir domanda preliminari fi stadju prekoċi tal-proċedura jidhirli inerenti mal-għan stess tad-domandi, li jirrigwardaw id-determinazzjoni tal-modalitajiet ta' notifika tal-atti promoturi ta' kawża.

22 — Sentenza Roda Golf & Beach Resort (EU:C:2009:395, punt 37).

23 — C-283/09, EU:C:2011:85.

24 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 121.

25 — Punti 41 u 42 ta' din is-sentenza.

26 — C-18/93, EU:C:1994:195.

27 — Punt 12 u l-ġurisprudenza ċċitata. Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza Roda Golf & Beach Resort (EU:C:2009:395, punt 33).

28 — Regolament tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonossiment u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42).

38. Dawn huma r-raġunijiet li għalihom ser nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà ppreżentati mill-Kummissjoni u tiddikjara ruħha kompetenti sabiex tiddeċiedi dwar it-talbiet għal deċiżjoni preliminari.

#### B – Dwar il-mertu

39. Permezz tad-domandi tagħhom, iż-żewġ qrati tar-rinviju jistaqsu, essenzjalment, lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-kunċett ta' "kwistjonijiet [materji] ċivili u kummerċjali", fis-sens tal-Artikolu 1(1) tar-Regolament Nru 1393/2007, għandux ikun interpretat fis-sens li jinkludi kawża li permezz tagħha detentur individwali ta' bonds maħruġa minn Stat Membru jibda proċeduri kontra dan il-Gvern għal responsabbiltà kuntrattwali u ta' delitt minħabba l-iskambju ta' dawn il-bonds b'bonds ta' valur inqas, liema skambju kien impost fuq dan l-individwu wara l-adozzjoni, mil-leġislatur nazzjonali, ta' liġi li unilateralmment u retroattivament bidlet l-kundizzjonijiet applikabbli għal dawn it-titoli, billi inkludiet klawżola ta' azzjoni kollettiva li tippermetti lil maġġoranza tad-detenturi ta' dawn tal-aħħar jimponu tali skambju fuq il-minoranza.

40. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali fil-Kawża C-578/13, il-Gvern Grieg u l-Kummissjoni jaqblu li jirrikonoxxu li l-kunċett ta' "kwistjonijiet [materji] ċivili u kummerċjali", fis-sens tal-Artikolu 1(1) tar-Regolament Nru 1393/2007, għandu jkun interpretat b'mod awtonomu, filwaqt li tiġi kkunsidrata l-interpretazzjoni tal-istess termini użati fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament Nru 44/2001. Barra minn hekk, kull persuna kkonċernata li ppreżentat osservazzjonijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja taqbel li kawża eżerċitata kontra Stat Membru ma hijiex eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1393/2007 ħlief jekk tkun toriġina minn atti tal-awtorità pubblika. Madankollu, l-osservazzjonijiet tagħhom ma jaqblux dwar il-konklużjonijiet li għandhom jinġibdu mill-fatt li l-Istat Grieg, permezz tal-Liġi Nru 4050/2012, biddel unilateralmment u retroattivament il-kundizzjonijiet applikabbli għat-titoli maħruġa jew iggarantiti minnu billi inkluda, *a posteriori*, klawżola ta' ristrutturizzazzjoni li tippermetti li deċiżjonijiet meħuda minn maġġoranza biss jiġu imposti fuq id-detenturi kollha.

41. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali fil-Kawżi C-226/13, C-245/13 u C-247/13 isostnu li l-kawżi prinċipali f'dawn il-kawżi jaqgħu purament fid-dritt privat, peress li l-Istat Grieg ġie mfittex mhux għaliex għamel użu mill-prerogattivi tiegħu tal-awtorità pubblika, iżda għaliex ikkawża preġudizzju għad-dritt tal-proprjetà tagħhom billi jwettqu problema ta' fatt. Huma jsostnu li mill-Liġi Nru 4050/2012 ma jirriżultax kuntest ta' dritt pubbliku li jirrigwarda s-suġġett tal-kawża tagħhom, sa fejn din il-liġi ma tirregolax relazzjonijiet ta' dritt pubbliku, iżda relazzjonijiet klassiċi ta' dritt privat u ma twettaqx esproprijazzjoni fis-sens tal-ġurisprudenza Ġermaniża, peress li ma ġietx adottata bil-għan li twettaq funzjoni pubblika partikolari. Fin-nuqqas ta' azzjoni *jure imperii*, il-kompetenza ta' qorti ta' Stat Membru ieħor hija fondata u l-Istat Grieg ma jistax jipprevalixxi ruħu mill-immunità tiegħu. Mill-bqija, f'kawżi simili li tressqu quddiem il-qrati Griegi, il-Gvern Grieg espliċitament rrikonoxxa li l-azzjonijiet ma kinux marbuta mal-eżerċizzju tal-awtorità pubblika.

42. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali fil-Kawża C-578/13 isostnu li l-kawża tagħhom hija indirizzata kontra l-Gvern Grieg bħala debitur privat li ssottometta ruħu għad-dritt ċivili bil-ħruġ tal-bonds. Billi jqisu li s-suġġett tal-kawża u l-oriġini tat-talba għandhom jiġu kkunsidrati, huma jikkunsidraw li l-kawża tagħhom hija bbażata fuq id-dritt tagħhom għar-rimbors tal-bonds maħruġa minn dan l-Istat skont ir-regoli tad-dritt privat u jżidu li, jekk, b'mod sussidjarju għal tnejn fosthom, huma bbażaw ukoll il-kawża tagħhom fuq dispożizzjonijiet tal-BGB dwar ir-responsabbiltà delittwali, xorta għandu jibqa' l-fatt li ma humiex jallegaw esproprijazzjoni, iżda aġir intenzjonali u dolożiv imwettaq mill-imsemmi Stat bħala debitur.



43. Għall-kuntrarju, skont il-Gvern Grieg, din il-miżura leġiżlattiva u d-dispożizzjonijiet ta' eżekuzzjoni meħuda ulterjorment mill-Kunsill tal-Ministri sabiex jistabbilixxu l-kundizzjonijiet ta' skambju ta' titoli eżistenti, fil-kuntest tar-ristrutturizzazzjoni tad-dejn pubbliku approvata minn deċiżjoni unanima tal-pajjiżi sieħba tagħha tal-Unjoni Ewropea, jikkostitwixxu atti ta' awtorità pubblika mill-organi kompetenti tal-Istat u intiżi sabiex jipproteġu l-interess ġenerali. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, qed jinħbew wara kawża ċivili, sabiex jikkontestaw b'mod indirett il-validità ta' dawn l-atti, u b'hekk jikkontestaw ir-responsabbiltà tal-Istat għal atti jew ommissjonijiet fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika.

44. Il-Kummissjoni, min-naħa tagħha, issostni, b'mod preliminari, għal raġunijiet ibbażati kemm fuq rekwiżiti ta' ekonomija ta' ġudizzju u ta' rispett għad-drittijiet tad-difiża kif ukoll tal-għanijiet tar-Regolament Nru 1393/2007, li huwa biss f'każ li eżami *prima facie* jippermetti li jiġi konkluż li t-talba manifestament ma tistax tiġi kkunsidrata bħala materja ċivili u kummerċjali li jista' jkun hemm rifjut ta' notifika tal-att promotur ta' kawża skont dan ir-regolament. Wara li fakkret li, meta jiksbu finanzjament mill-ġdid fuq is-swieq finanzjarji, l-Istati jaġixxu l-istess bħal persuna ġuridika fid-dritt privat u għalhekk huma suġġetti għal-liġijiet tas-suq, hija ssostni, fuq il-mertu, li s-sempliċi inklużjoni *a posteriori* ta' klawżola ta' ristrutturizzazzjoni ma tikkostitwixxix, fiha nnifisha, att deċiżiv imwettaq fl-eżerċizzju ta' prerogattivi ta' awtorità pubblika. Fil-fatt, tali klawżola, spiss użata fit-tranżazzjonijiet kummerċjali bejn partijiet privati, kellha biss il-funzjoni anċillari li tippermetti lid-detenturi ta' bonds jadottaw deċiżjoni koordinata u konformi mas-suq fir-rigward tal-offerta ta' skambju. Skont il-Kummissjoni, bl-inklużjoni b'mod unilaterali ta' din il-klawżola ta' ristrutturizzazzjoni, l-Istat Grieg finalment aċċetta li jassimila t-termini tal-kuntratt tal-Istat, li kellu status partikolari, ma' dawk suġġetti ta' dritt privat. Is-sempliċi fatt li, għal dan il-għan, huwa uża strumenti ta' dritt pubbliku fih innifsu ma huwiex biżżejjed sabiex ikun il-bażi ta' att *jure imperii* peress li, barra minn hekk, il-kuntest legali kollu għandu karatteristiċi ta' dritt privat u jaqa' taħt l-att *jure gestionis*.

45. Sabiex jingħataw risposti għad-domandi magħmula mill-qrati tar-rinviju, fl-ewwel lok għandha tingħata deċiżjoni dwar jekk it-termini "kwistjonijiet [materji] ċivili u kummerċjali", fis-sens tal-Artikolu 1(1) tar-Regolament Nru 1393/2007, għandhomx jingħataw l-istess interpretazzjoni bħal dik tal-istess kunċett li jinsab fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament Nru 44/2001. Wara li tkun ingħatat risposta fl-affermattiv għal din l-ewwel domanda, ser neżamina, fit-tieni lok, l-istat ta' ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali", fis-sens tar-Regolament Nru 44/2001. Sussegwentement, fit-tielet lok, ser napplika l-kriterji li jirriżultaw minnha sabiex ikun stabbilit jekk dawn il-kwistjonijiet fil-kawża prinċipali jaqgħux f'dawn il-materji, fis-sens tar-Regolament Nru 1397/2007.

1. Il-modalitajiet ta' interpretazzjoni tal-kunċett ta' "kwistjonijiet [materji] ċivili [u] kummerċjali", fis-sens tar-Regolament Nru 1393/2007

46. Id-delimitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1393/2007 bir-riferiment għall-materji ċivili u kummerċjali ssib l-oriġini tagħha fil-mudell klassiku kkostitwit mill-ftehim ta' dritt internazzjonali privat żviluppat fil-kuntest tal-Konferenza ta' Den Haag tad-dritt internazzjonali privat u f'dak tal-Komunitajiet Ewropej. L-istess huwa l-każ, b'mod partikolari, tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-15 ta' Novembru 1965 dwar in-Notifika barra l-Pajjiż ta' Dokumenti Ġudizzjarji u Extraġudizzjarji fi Kwistjonijiet Ċivili jew Kummerċjali fl-interess tal-Unjoni Ewropea, li ma tapplikax, kif jirriżulta mit-titolu tagħha stess, barra minn dawn iż-żewġ livelli. L-istess huwa l-każ tal-Konvenzjoni tas-27 ta' Settembru 1968 dwar ġurisdizzjoni u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali<sup>29</sup>, li ġiet issostitwita bir-Regolament Nru 44/2001, li mill-10 ta' Jannar 2015, ser jiġi ssostitwit bir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2012, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali<sup>30</sup>.

29 — ĠU 1972, L 299, p. 32, iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Brussell"

30 — ĠU L 351, p. 1. Bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 75 u 76 tar-Regolament Nru 1215/2012 li huma applikabbli mill-10 ta' Jannar 2014.

47. Peress illi llum, il-kunċett ta' materji ċivili u kummerċjali jinsab f'numru ta' strumenti tad-dritt tal-Unjoni<sup>31</sup>, dan il-kunċett ma għandux definizzjoni speċifika. Il-kunċett għandu jiġi evalwat fid-dawl tal-eċċezzjonijiet espressi fformulati mhux b'mod limitat minn dawn l-istrumenti li, fil-maġġoranza tagħhom, jeskludu mill-kamp ta' applikazzjoni tagħhom "kwistjonijiet fiskali, doganali jew amministrattivi"<sup>32</sup> u r-"responsabbiltà tal-Istat għal atti jew ommissjonijiet fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika"<sup>33</sup>.

48. Peress li l-kunċett ta' materji ċivili u kummerċjali ġie riprodott f'termini identiċi bħal dawk użati fil-Konvenzjoni ta' Brussell u sussegwentement fir-Regolament Nru 44/2001, il-ġurisprudenza mogħtija fir-rigward ta' dawn l-istrumenti tagħti kriterju ta' interpretazzjoni partikolarment adegwat. Ispirata minnha, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 1393/2007 hija konformi mar-rekwiżiti taċ-ċertezza legali u tal-koerenza tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ċivili. Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-motivi tas-sentenza Lechouritou *et*<sup>34</sup> jimmilitaw favur interpretazzjoni komuni tal-istrumenti differenti li jaqgħu f'dan il-qasam, peress li, sabiex tinterpreta l-kunċett ta' "materja ċivili" fis-sens tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 1(1) tal-Konvenzjoni ta' Brussell, il-Qorti tal-Ġustizzja ħadet inkunsiderazzjoni l-esklużjoni ta' atti *juri imperii* li ma kinux inklużi f'din il-Konvenzjoni, iżda f'leġislazzjoni oħra<sup>35</sup>.

49. Il-formulazzjoni ta' kriterju adegwat timplika għalhekk li qed tkun ispirata minn soluzzjonijiet mogħtija fil-kuntest tal-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali", kif stabbilit fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 1(1) tal-Konvenzjoni ta' Brussell u tal-Artikolu 1(1) tar-Regolament Nru 44/2001, b'riferiment, skont ġurisprudenza stabbilita ferm<sup>36</sup>, kemm għall-kunċett ta' "awtonomija", li jistrieħ fuq kunsiderazzjonijiet ta' effettività marbuta mar-rekwiżit ta' uniformità ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, kif ukoll mat-teknika ġuridika tal-interpretazzjoni teleoloġika, li tippermetti li jiġu kkunsidrati l-għanijiet speċifiċi tar-Regolament Nru 1393/2007<sup>37</sup>.

31 — Ara, b'mod partikolari, l-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 805/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' April 2004, li johlq Ordni Ewropew ta' Infurzar għal talbiet mhux kontestati (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 7, p. 38), l-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Lulju 2007, li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar (JO L 199, p. 1); l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2008/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' Mejju 2008, dwar ċerti aspetti ta' medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali (JO L 136, p. 3), u l-Artikolu 2(1) tar-Regolament (EU) Nru 655/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Mejju 2014, li jistabbilixxi proċedura ta' Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet sabiex jiġi ffaċilitat l-irkupru transkonfinali tad-dejn f'materji ċivili u kummerċjali (JO L 189, p. 59).

32 — Introdotti permezz tal-Konvenzjoni tad-9 ta' Ottubru 1978 dwar l-Adeżjoni tar-Renju tad-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għal Konvenzjoni dwar ġurisdizzjoni u l-infurzar ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, u l-Protokoll dwar l-interpretazzjoni tiegħu mill-Qorti tal-Ġustizzja (ara l-Artikolu 3 ta' din il-Konvenzjoni), dawn it-termini ġew riprodotti fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament Nru 44/2001.

33 — Din il-preċiżjoni la tinsab fil-Konvenzjoni ta' Brussell u lanqas fir-Regolament Nru 44/2001. Għall-kuntrarju, hija ġiet introdotta fir-Regolament Nru 1215/2012 (ara t-tieni sentenza tal-Artikolu 1(1) ta' dan ir-regolament).

34 — C-292/05, EU:C:2007:102.

35 — Punt 45.

36 — Ara l-punt 50 ta' dawn il-konklużjonijiet.

37 — Barra minn hekk, dan huwa r-raġunament li segwiet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha C (C-435/06, EU:C:2007:714). F'din is-sentenza, wara li fakkret x'kienet l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali", fis-sens tal-Konvenzjoni ta' Brussell, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat il-kunċett ta' "kwistjonijiet [materji] ċivili" fis-sens tal-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KE) tal-Kunsill Nru 2201/2003, tas-27 ta' Novembru 2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 243), kif emendat bir-Regolament (KE) tal-Kunsill Nru 2116/2004 (ĠU L 153M, p. 253), filwaqt li ħadet inkunsiderazzjoni l-għanijiet speċifiċi li għandhom jintlaħqu mir-Regolament Nru 2201/2003.

2. L-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali", fis-sens tal-Konvenzjoni ta' Brussell u tar-Regolament Nru 44/2001

50. Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali", fis-sens tal-Artikoli 1 tal-Konvenzjoni ta' Brussell u tar-Regolament Nru 44/2001, għandu jitqies li huwa kunċett awtonomu li għandu jiġi interpretat b'riferiment, minn naħa, għas-sistema ta' dawn l-istrumenti u, min-naħa l-oħra, għall-prinċipji ġenerali li jirriżultaw mis-sistemi kollha ta' dritt nazzjonali<sup>38</sup>.

51. Din l-interpretazzjoni awtonoma twassal, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex jiġi stabbilit il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Brussell u tar-Regolament Nru 44/2001 "minħabba f'elementi li jikkarakterizzaw *in-natura tar-relazzjonijiet ġuridiċi bejn il-partijiet fil-kawża jew l-għan ta' din*"<sup>39</sup>.

52. F'dak li jirrigwarda l-kawża bejn entità pubblika u persuna fid-dritt privat, diversi deċiżjonijiet, li jagħtu direzzjoni netta ferm favur ir-rifjut ta' kriterju purament strutturali, stabbilixxew kriterju ta' distinzjoni bbażat fuq l-eżerċizzju jew le, mill-awtorità pubblika inkwistjoni, ta' prerogattivi ta' awtorità pubblika. B'hekk, fis-sentenzi tagħha LTU<sup>40</sup> u Rüffer<sup>41</sup>, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-materji ċivili u kummerċjali ma jinkludux il-kawża bejn awtorità pubblika u persuna privata, "meta l-awtorità *tagħxi fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika*"<sup>42</sup>. Dan il-kriterju ġie riprodott f'formulazzjoni xi drabi differenti, iżda dejjem b'mod konsistenti fil-mertu, f'diversi deċiżjonijiet ulterjuri, li eskcludew mill-materji ċivili u kummerċjali l-azzjonijiet li jikkorrispondu għall-"eżerċizzju tal-awtorità pubblika meta mqabbla mar-regoli tad-dritt komuni applikabbli fir-relazzjonijiet bejn individwi privati"<sup>43</sup>.

53. Barra minn hekk, sabiex jiġi stabbilit jekk kawża hijiex bejn persuna tad-dritt privat u awtorità pubblika li qed tagħxi fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li hemm lok li jiġu eżaminati "*il-bażi u l-modalitajiet tal-eżerċizzju tal-azzjoni meħuda*"<sup>44</sup>. Abbażi ta' dan il-kriterju, fis-sentenza Baten<sup>45</sup>, hija kklassifikat bħala materja ċivili, il-kawża għall-irkupru eżerċitata minn organu pubbliku ta' għajnuna soċjali li kien ħallas ammonti ta' flus lil mara divorzjata u lil wild tagħha kontra l-konjuġi divorzjat u missier il-wild, abbażi tal-obbligu ta' manteniment tiegħu<sup>46</sup>. Sabiex tasal għal din is-soluzzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja bbażat ruħha fuq il-fatt li l-kawża, minkejja li ppreżentata minn organu pubbliku, kellha bħala bażi dejn legali ta' manteniment li huwa rregolat mir-regoli tad-dritt ċivili li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-limiti u li hija kienet tressqet quddiem il-qorti ċivili skont ir-regoli tal-proċedura ċivili<sup>47</sup>.

54. Billi għall-darb'oħra reġgħet ibbażat ruħha fuq il-bażi u l-modalitajiet ta' eżerċizzju tal-azzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tagħha Préservatrice foncière TIARD<sup>48</sup>, ikkunsidrat li l-kawża li permezz tagħha Stat kontraenti kien qed jipproċedi, fil-konfront ta' persuna tad-dritt privat, għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt ta' dritt privat ta' garanzija li kien konkluż bil-għan li jippermetti lil terza

38 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Lechouritou *et* (EU:C:2007:102, punt 29) u flyLAL-Lithuanian Airlines (C-302/13, EU:C:2014:2319, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39 — *Ibidem* (rispettivament il-punti 30 u 26 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Korsiv miżjud minni.

40 — 29/76, EU:C:1976:137.

41 — 814/79, EU:C:1980:291.

42 — Ara, rispettivament, il-punti 4 u 8 ta' dawn is-sentenzi. Korsiv miżjud minni.

43 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Préservatrice foncière TIARD (C-266/01, EU:C:2003:282, punt 30).

44 — Ara s-sentenza Baten (C-271/00, EU:C:2002:656, punt 31). Korsiv miżjud minni.

45 — EU:C:2002:656.

46 — Punt 37.

47 — Punt 33.

48 — EU:C:2003:282.

persuna li tagħti garanzija mitluba u ddefinita minn dan l-Istat, sa fejn ir-relazzjoni legali bejn il-kreditur u l-garanzija, kif jirriżulta mill-kuntratt ta' garanzija, ma kinitx tikkorrispondi mal-eżerċizzju ta' setgħat li jmorru lil hinn mir-regoli applikabbli fir-relazzjonijiet bejn individwi fid-dritt privat<sup>49</sup>, kienet taqa' taħt il-kunċett ta' materja ċivili u kummerċjali.

55. Fil-linja ta' din il-ġurisprudenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fis-sentenza tagħha *Sapir et*<sup>50</sup>, li l-kunċett ta' materji ċivili u kummerċjali kien jinkludi l-kawża għall-irkupru ta' pagament mhux dovut eżerċitata minn organu pubbliku wara proċedura amministrattiva intiża għall-kumpens tad-dannu kkawżat mit-telf ta' proprjetà immobbli wara persekuzzjonijiet taħt ir-reġim nazista. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset bħala indizji rilevanti l-fatt li dritt għall-kumpens li minnu toriġina l-kawża mressqa kien ibbażat fuq dispożizzjonijiet nazzjonali identiċi għall-proprjetarji kollha ta' immobbli suġġetti għal drittijiet ta' ħlas lura u l-fatt li l-proċedura amministrattiva kienet identika irrispettivament mill-kwalità tal-proprjetarju kkonċernat, liema proprjetarju ma jgawdi l-ebda prerogattiva deċiżjonali f'dak li jirrigwarda d-determinazzjoni tad-drittijiet għal ħlas lura tal-persuna leża. Hija kkunsidrat ukoll li din il-kawża, li kienet intiża għall-irkupru ta' pagament mhux dovut, ma kinitx tiffirma parti mill-proċedura amministrattiva, kellha tiġi eżerċitata quddiem il-qrati ċivili u kellha bħala bażi legali r-regoli tal-BGB<sup>51</sup>.

56. Fl-aħħar nett, fis-sentenza tagħha *Sunico et*<sup>52</sup>, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li kienet taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 44/2001 il-kawża li permezz tagħha awtorità pubblika ta' Stat Membru titlob, lil persuni fiżiċi u ġuridiċi residenti fi Stat Membru ieħor, kumpens għad-danni kkawżati minn assoċjazzjoni kriminali b'għan ta' frodi għall-VAT dovuta lill-ewwel Stat Membru. Il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-bażi fattwali u legali tat-talba u r-relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet fil-kawża, filwaqt li evalwat jekk l-awtorità pubblika kinitx eżerċitat jew le, fil-kuntest ta' din ir-relazzjoni, setgħat li jmorru lil hinn mir-regoli applikabbli fir-relazzjonijiet bejn individwi fid-dritt privat<sup>53</sup>.

57. Madankollu, il-kriterju relatat mal-bażi u l-modalitajiet tal-eżerċizzju, introdott permezz tas-sentenza *Baten*<sup>54</sup> riprodott fis-sentenzi *Préservatrice foncière TIARD*<sup>55</sup>, *Frahuil*<sup>56</sup>, *Sapir et*<sup>57</sup> u *Sunico et*<sup>58</sup>, kien jidher bħala sussidjarju, fis-sens li ma jidħolx fis-seħħ ħlief jekk ma jkunx stabbilit li t-talba għandha l-orijini materjali tagħha f'att ta' awtorità pubblika.

58. Bl-istess mod, fis-sentenza tagħha *Rüffer*<sup>59</sup>, li kienet tirrigwarda kawża ppreżentata mill-Istat Olandiż kontra l-proprjetarju ta' dgħajsa li kienet ħabtet ma' dgħajsa oħra u gherqitha, sabiex jirkupra l-ispejjeż għat-tneħħija tad-dgħajsa mgħarrqa, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-fatt li l-Istat responsabbli minn dawn l-atti fetaħ kawża għar-rimbors ta' dawn l-ispejjeż abbażi ta' dritt ta' kreditu li kellu l-orijini tiegħu f'att ta' awtorità pubblika kien biżżejjed sabiex il-kawża tiegħu titqies bħala eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Brussell, minkejja li l-proċedura offruta għal dawn l-għanijiet mid-dritt nazzjonali ma kinitx proċedura amministrattiva, iżda proċedura għal kumpens tad-dritt komuni<sup>60</sup>.

49 — Punt 36.

50 — C-645/11, EU:C:2013:228.

51 — Punti 35 sa 37.

52 — C-49/12, EU:C:2013:545.

53 — Punti 36 sa 40.

54 — EU:C:2002:656.

55 — EU:C:2003:282.

56 — C-265/02, EU:C:2004:77.

57 — EU:C:2013:228.

58 — EU:C:2013:545.

59 — EU:C:1980:291.

60 — Punti 13 u 15.



59. Ferm iktar sinjifikattiva hija s-sentenza Lechouritou *et*<sup>61</sup>, li permezz tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet li ma taqax fil-materji ċivili u kummerċjali kawża fil-qorti miftuħa kontra Stat u intiża sabiex jinkiseb kumpens għad-dannu subit mill-aventi kawża tal-vittmi ta' attivitajiet tal-forzi armati fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' gwerra matul it-Tieni Gwerra Dinjija. Filwaqt li ntrabtet b'mod esklużiv mal-bażi fattwali tal-azzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li tali operazzjonijiet "jikkostitwixxu waħda mill-karatteristiċi mnissla mill-Istat sovrani, b'mod partikolari peress illi huma deċiżi mill-awtoritajiet pubbliċi kkonċernati *b'mod unilaterali* u *jobtu [vinkolanti]* u huma ppreżentati bħala indisoċjabbilment marbuta mal-politika barranija u ta' difiża ta' l-Istati"<sup>62</sup>. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat ukoll li l-fatt li r-rikors kien ippreżentat bħala li huwa ta' natura ċivili peress li kien intiż li jitlob kumpens finanzjarju għad-dannu materjali u morali kkawżat lir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kien nieqes minn kull rilevanza<sup>63</sup>.

60. Jidhirli li huwa sinjifikattiv ukoll li jiġi rrilevat li s-sentenzi li kienu intiżi sabiex ifittxu l-bażi legali u l-modalitajiet tal-eżerċizzju tal-kawża kollha jikkonċernaw, bl-eċċezzjoni tas-sentenza Frahuel<sup>64</sup>, b'mod partikolari, kawżi sabiex jinkiseb rimedju jew kawżi ta' surroga, eżerċitati minn organu pubbliku. F'dan il-każ, huwa loġiku li jkun hemm riferiment għall-bażi u għall-modalitajiet ta' eżerċizzju tal-kawża sabiex ikun magħruf jekk, permezz tal-istess kawża fil-qorti, l-awtorità pubblika hijiex qed tuża l-pożizzjoni tagħha ta' awtorità pubblika. Min-naħa l-oħra, peress li din hija kawża għal kumpens ta' dannu eżerċitata minn individwu kontra awtorità pubblika, il-fatt li l-kawża tiegħu, fid-dritt nazzjonali, il-forom klassiċi tad-dritt ċivili, ma huwiex deċiżiv, u dan iktar u iktar peress li l-liġi applikabbli għadha ma ġietx iddeterminata<sup>65</sup>. Għall-kuntrarju, għandu jkun ivverifikat jekk it-talbiet oriġinaw minn att ta' awtorità pubblika.

### 3. L-applikazzjoni tal-kriterji ġurisprudenzjali fil-kawżi prinċipali

61. L-analiżi progressivament żviluppata mill-Qorti tal-Ġustizzja permezz tas-sentenzi differenti hawn fuq imsemmija ma tagħtix risposta ċara għad-domanda li għandna quddiemna. Dan huwa spjegat mill-fatt partikolari li l-kawżi eżerċitati kontra l-Istat Grieg mid-detenturi Ġermaniżi ta' titoli Griegi għandhom, fir-realtà, bażi fuq żewġ livelli, minn naħa waħda, il-ħruġ ta' bonds u, min-naħa l-oħra, il-bdil tal-kundizzjonijiet ta' ħruġ ta' dawn il-bonds waqt l-eżekuzzjoni tagħhom wara l-intervent tal-leġislatur Grieg.

62. Il-bonds maħruġa mill-Istati huma kkunsidrati bħala li jaqgħu fil-kategorija ta' atti mwettqa *jure gestionis*, suġġetti għar-regoli ġenerali applikabbli għal dan it-tip ta' tranżazzjonijiet<sup>66</sup>. Barra minn hekk għandu jiġi kkonstatat li l-Gvern Grieg ma jsostnix li l-ħruġ ta' dawn il-bonds jaqa' fl-eżerċizzju tal-prerogattivi tal-awtorità pubblika.

63. Madankollu, jekk il-ħruġ ta' bond minn Stat jiġi kkunsidrat bħala att *jure gestionis*, l-eżerċizzju ulterjuri mill-Istat tas-setgħa leġislattiva tiegħu, li hija kkunsidrata, għall-kuntrarju, bħala att *jure imperii*, għandu wkoll jiġi kkunsidrat, peress li huwa evidenti li l-kawżi għad-dannu eżerċitati kontra l-Istat Grieg huma bbażati mhux biss fuq it-titoli inizjali, iżda wkoll u fuq kolloxx fuq il-Liġi Nru 4046/2012, tal-14 ta' Frar 2012, li għamlet possibbli l-iskambju tat-titoli u konsegwentement, it-tnaqqis tad-dejn billi introduċiet fil-kundizzjonijiet tal-bonds klawżoli ta' azzjoni kollettiva. F'din

61 — EU:C:2007:102.

62 — Punt 37. Korsiv miżjud minni.

63 — Punt 41.

64 — EU:C:2004:77. Il-kawża kienet bejn żewġ persuni tad-dritt privat.

65 — B'mod partikolari għandu jiġi rrilevat li ma hemm xejn stabbilit li r-regoli ta' dritt internazzjonali privat jindikaw id-dritt Ġermaniż bħala liġi applikabbli fil-kawżi prinċipali.

66 — Ara, f'dan is-sens, O'Keefe, R., Tams, C. J., u Tzanakopoulos, A., *The United Nations Convention on Jurisdictional Immunities of States and Their Property – A Commentary*, Oxford University Press, 2013, p. 64, u rapport tal-Grupp ta' Ħidma fuq l-immunitajiet ġudizzjarji tal-Istati u tal-beni tagħhom, anness mad-Direttorju tal-Kummissjoni tad-dritt internazzjonali, 1999, Vol. II, it-tieni parti [A/CN.4/SER.A/1999/Add.1 (Parti 2)], p. 157, sp. p. 170, punt 54



is-sitwazzjoni partikolari, kif għandha tiġi analizzata r-relazzjoni ġuridika li tirriżulta mhux biss mill-ħruġ ta' bonds tal-Istat, iżda wkoll mill-bidla unilaterali, permezz ta' liġi, tal-kundizzjonijiet marbuta ma' dawn il-bonds? Meta l-Istat ikun kemm parti kontraenti kif ukoll awtorità pubblika, kawża għal dikjarazzjoni ta' responsabbiltà eżerċitata kontra tiegħu hija indirizzata kontra atti li huwa kkommetta *jure gestionis* jew kontra dawk imwettqa *jure imperii*? Ir-risposta għal din id-domanda titlob, fl-opinjoni tiegħi, distinzjoni bejn il-modalitajiet ta' eżerċizzju mill-Istat sovrani tas-setgħa leġiżlattiva tiegħu.

64. Jekk l-Istat jadotta norma ġenerali u astratta li hija imposta fuq il-partijiet kontraenti u tista' b'mod indirett twassal sabiex jinbidlu l-kundizzjonijiet tal-kuntratt, bħal bdil fil-leġiżlazzjoni fiskali, din l-azzjoni leġiżlattiva tal-Istat tista' tkun distinta u sseparata mill-azzjoni tiegħu bħala parti kontraenti, mingħajr ma tinbidel in-natura tar-relazzjonijiet legali li jirriżultaw mill-kuntratt inizjali.

65. Jekk, għall-kuntrarju, l-Istat li jorog il-bonds juża s-setgħa sovrana tiegħu sabiex jadotta norma li ma hijiex ġenerali u astratta, iżda norma speċifika u konkreta li għandha bħala għan u effett li tikkawża dannu dirett għall-valur tal-bonds maħruġa, l-azzjoni tiegħu bħala awtorità pubblika ma jidhirlix li hija separabbli mill-azzjoni tiegħu bħala parti kontraenti. Fil-fatt, f'dan il-każ, huwa proprju l-Istat kontraenti li juża s-setgħa sovrana tiegħu, direttament fir-rigward tal-kuntratt. L-intervent tal-leġiżlatur Grieg bil-Liġi Nru 4050/2012 jaqa' f'din it-tieni ipoteżi. L-Istat Grieg intervjena unilateralment, retroattivament u b'mod vinkolanti sabiex jibdel il-kundizzjonijiet tal-ħruġ tal-bonds billi inkluda klawżola ta' azzjoni kollettiva li tippermetti li d-detenturi f'minoranza ta' titoli jiġu suġġetti għall-obbligu li jissottomettu ruħhom għall-volontà tal-maġġoranza. Sabiex jissaħħa l-argument li din l-azzjoni taqa' fil-kategorija ta' atti *jure imperii*, huwa biżżejjed li jiġi mistoqsi jekk ir-regoli normalment applikabbli fir-relazzjonijiet bejn l-individwi jawtorizzawx lil parti f'kuntratt, la darba dan ikun ġie konkluż, li jintroduċi fih tali klawżola, retroattivament u mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra. F'dawn iċ-ċirkustanzi partikolari ta' intervent speċifiku, ma jidhirlix li huwa possibbli li jiġi kkunsidrat li l-kawża għal dikjarazzjoni ta' responsabbiltà kontra l-Istat Grieg tista' tiġi kkunsidrata bħala li ma tikkontestax atti mwettqa fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika.

66. Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat li l-intervent tal-leġiżlatur Grieg seħħ fil-kuntest eċċezzjonali ta' operazzjoni ta' ristrutturizzazzjoni tad-dejn privat Grieg li kellu bħala għan li jevita l-falliment ta' dan l-Istat billi jkun aċċettat, mill-kredituri, tnaqqis tad-dejn.

67. F'dan ir-rigward, wara l-ewwel summit straordinarju tal-Unjoni li sar fil-21 ta' Lulju 2011, li fi tmiemu kien ġie deċiż pjan favur ir-Repubblika Ellenika li kien jinkludi "parteċipazzjoni volontarja eċċezzjonali tas-settur privat"<sup>67</sup>, il-Kapijiet tal-Istat jew tal-Gvern tal-Istati Membri taż-żona tal-Euro, wara summit ieħor li sar fis-26 u 27 ta' Ottubru 2011, stiednu lir-Repubblika Ellenika, lill-investituri privati u lill-partijiet kollha kkonċernati sabiex jimplementaw skambju "volontarju"<sup>68</sup> ta' bonds bi tnaqqis impost nominali ta' 50% fuq il-valur nazzjonali tad-dejn Grieg miżmum mill-investituri privati<sup>69</sup>. Kien wara dawn id-deċiżjonijiet li ġiet adottata l-Liġi Nru 4050/2012.

68. Dawn it-tranżazzjonijiet intiżi sabiex jiżguraw is-salvagwardja tal-organizzazzjoni finanzjarja u ekonomika tar-Repubblika Ellenika u, b'mod iktar wiesa', sabiex tkun ippreżervata l-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-Euro fit-totalità tagħha u li jidhru li huma marbuta b'mod indissolubbli mal-politika monetarja tal-Unjoni huma sfumaturi karatteristiċi tas-sovrani ta' l-Istat.

67 — Ara p 6 u 7 tad-dokument intitolat "*Il-Kunsill Ewropew fl-2011*", disponibbli fl-indirizz <http://www.european-council.europa.eu/media/555288/qcao11001frc.pdf>.

68 — Kummentatur iddeskriva r-ristrutturizzazzjoni tad-dejn Grieg bħala "volontarjament obligatorju". Ara H. De Vauplane, "Le rôle du juge pendant la crise : entre ombre et lumière", *Revue des Affaires Européenne – Law & European Affairs*, 2012/4, p. 773, sp. p. 775. Hija tista' wkoll tiġi deskritta bħala "obligatorjament volontarja".

69 — Ara d-dokument intitolat "*Il-Kunsill Ewropew fl-2011*", imsemmi fin-nota ta' qiegħ il-paġna 67, punt 12, p. 65, tad-"*Dikjarazzjoni tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern taż-Żona tal-Euro tas-26 ta' Ottubru 2011*".

69. Barra minn hekk, għandu jiġi ppreċiżat li ma huwiex mill-adozzjoni tal-mekkaniżmu tal-klawżoli ta' azzjoni kollettiva li qed tiġi dedotta l-eżistenza ta' manifestazzjoni tal-awtorità pubblika. Fil-fatt, dawn il-klawżoli huma prassi normali fir-relazzjonijiet finanzjarji sa mis-snin 90 u l-kriżijiet suċċessivi tad-dejn sovrani tal-Istati tal-Amerika ta' Isfel. It-Trattat li jstabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabbiltà<sup>70</sup> juri, barra minn hekk, l-importanza tal-imsemmija klawżoli, li llum il-ġurnata huma obligatorjament inklużi fil-kuntratti ta' kreditu mill-Istati Membri taż-Żona tal-Euro meta jieħdu self minn kredituri privati<sup>71</sup>. L-inklużjoni b'mod retroattiv u vinkolanti ta' tali klawżoli fil-kundizzjonijiet ta' ħruġ ta' self attiv għal raġunijiet ta' interess superjuri tal-Istat Grieg u tal-Istati Membri kollha taż-żona tal-Euro tikkostitwixxi, għall-kuntrarju, manifestazzjoni tal-awtorità pubblika.

70. Minn dan niddedu li l-kawża eżerċitata mid-detenturi minoritorji kontra l-Istat Membru wara l-iskambju ta' titoli neċessarjament qed tikkontesta r-responsabbiltà tal-Istat Grieg għal atti mwettqa *jure imperii*, mingħajr ma jista' jiġi argumentat li dan l-iskambju, intenzjonat sabiex inaqqas il-valur nominali ta' dawn it-titoli, allegatament kellu vot tal-maġġoranza. F'dan ir-rigward, ir-raġunament tal-Kummissjoni, li tidher qed tikkunsidra li l-azzjoni tal-Istat Grieg kienet tersaq iktar lejn l-isfera ta' atti mwettqa *jure imperii* jekk, minflok ma inkluda klawżola ta' ristrutturazzjoni, l-Istat Grieg kien f'daqqa waħda impona bidla fid-dejn tiegħu mingħajr il-kunsens tal-kredituri, jidhirli li għandha tiġi kkritikata inkwantu l-klassifikazzjoni tar-relazzjoni ġuridika għandha tiddependi mill-gravità tal-preġudizzju mwettqa mill-Istat fir-rigward tad-drittijiet tal-kontraenti.

71. Dawn huma r-raġunijiet li għalihom jiena nqis li l-kawża ppreżentata mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1393/2007.

72. Jien diġà sostnejt, waqt l-eżami tal-ammissibbiltà ta' dawn id-domandi preliminari, ir-raġunijiet li jidhirli li jiġġustifikaw li l-qorti nazzjonali tista' teżerċita, anki fi stadju prekoċi tal-proċedura, sħarriġ tal-kamp ta' applikazzjoni materjali tar-Regolament Nru 1393/2007, billi tagħmel, jekk ikun meħtieġ, lill-Qorti tal-Ġustizzja, domanda preliminari<sup>72</sup>. Għalhekk jien ser inżid biss li l-opinjoni espressa mill-Kummissjoni li tipprovi li l-qorti nazzjonali għandha twettaq biss sħarriġ *prima facie* ma tibbaża fuq ebda bażi testwali<sup>73</sup>.

#### IV – Konklużjoni

73. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirispondi kif ġej għad-domandi magħmula mil-Landgericht Wiesbaden u mil-Landgericht Kiel:

Il-kunċett ta' "kwistjonijiet [materji] ċivili u kummerċjali" fis-sens tal-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KE) Nru 1393/2007, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Novembru 2007, dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (servizz ta' dokumenti), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000, għandu jkun interpretat fis-sens li ma jinkludix kawża li permezz tagħha detentur individwali ta' bonds maħruġa

70 — Trattat li jstabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabbiltà bejn ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Repubblika ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, il-Gran Duk tal-Lussemburgu, Malta, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakkja u r-Repubblika tal-Finlandja, konkluż f' Brussell fit-2 ta' Frar 2012.

71 — Ara l-Artikolu 12(3) tal-imsemmi trattat li jiddefinixxi l-prinċipji li huwa suġġett għalihom is-sostenn għall-istabbiltà. L-inklużjoni sistematika ta' klawżoli ta' azzjoni kollettiva fil-kundizzjonijiet li għandhom il-bonds tal-Istat f'denominazzjoni euro kienet waħda mill-miżuri li dwarhom iddeċidew il-Kapijiet tal-Istat jew ta' Gvern ta' Stati Membri taż-Żona tal-Euro fid-9 ta' Diċembru 2011 sabiex jirrispondu għall-kriżi tad-dejn sovrani (ara d-dokument intitolat "Il-Kunsill Ewropew fl-2011", imsemmi fin-nota ta' qiegħ il-paġna 67, punt 15, p. 71, tad-"Dikjarazzjoni tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern taż-Żona tal-Euro tad-9 ta' Diċembru 2011").

72 — Ara l-punt 37 ta' dawn il-konklużjonijiet.

73 — F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li r-Regolament Nru 1393/2007 jillimita biss is-setgħat diskrezzjonali tal-entità li tirċievi, li tista' tibgħat lura t-talba għal notifika lill-entità li tibgħatha biss jekk din ma "taqax manifestament fil-kamp ta' applikazzjoni [ta' dan] ir-regolament". Barra minn hekk, ir-Regolament Nru 1393/2007 ma jinkludi ebda limitu għas-setgħa ta' interpretazzjoni tal-entità li tibgħat u lanqas, *a fortiori*, tal-qorti adita bil-kawża, meta, kif huwa l-każ skont id-dritt Ġermaniż, din jista' jkollha bżonn tkun taf, bil-quddiem, mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament.

minn Stat Membru jipproċedi b'kawża għad-danni kontra dan l-Istat minħabba l-iskambju ta' dawn il-bonds b'oħrajn ta' valur inqas, liema skambju kien impost fuq din il-persuna wara l-adozzjoni, mil-leġiżlatur nazzjonali, ta' liġi li kienet unilateralment u retroattivament bidlet il-kundizzjonijiet applikabbli għall-bonds billi inkludiet klawżola ta' azzjoni kollettiva li tippermetti lil maġġoranza tad-detenturi ta' dawn tal-aħħar jimponu tali skambju fuq il-minorità.